*l-artikolu 28 tal-Kap. 382 jagħti dritt lill-persuna li jkunu ġew ikkonfiskati l-oġġetti tagħha li tippreżenta talba lill-istess Direttur Ġenerali (Dwana) għar-ritorn tagħhom*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 98/2021 LM

**Charles Grech & Co Limited (C 2473)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxi u Direttur Ġenerali (Dwana)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali (Dwana)** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mis-sentenza mogħtija fil-

25 ta' Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċidiet ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti **Charles Grech & Co. Limited (C 2473)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fil-konfront tiegħu u tal-Kummissarju tat-Taxxi kif ġej:

*"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummisarju tat-Taxxi u tad-Direttur Ġenerali (Dwana) u tiddikjara illi l-Kummissajru tat-Taxxi mhuwiex leġittimu kontradittur tas-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant qed tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti u filwaqt li tiddikjara illi l-oġġetti maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 55/2021 ma kellhomx jiġu maqbuda, tordna li dawn l-istess oġġetti jiġu rilaxxati a favur tas-soċjetà rikorrenti;*

*3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li ġie deċiż hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, għandhom ikunu a karigu esklussiv tad-Direttur Ġenerali (Dwana) salv għall-ewwel eċċezzjoni, li għandha tkun a karigu esklussiv tas-soċjetà rikorrenti."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw spezzjoni li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-ħanut bl-isem 'Charles Grech World of Wines' f'Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, ġestit mis-soċjetà appellata, u s-sussegwenti Nota ta' Qbid tas-26 ta' Frar, 2021 bin-numru 55/2021[1] maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellant.

[1] Dok. CG1 a *fol.* 5 tal-atti tal-ewwel Qorti.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata stitwiet proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fis-16 ta' April, 2021, fejn talbitha:

*(a) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-oġġetti maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 55/2021 ma kellhomx jigu maqbuda;*
*(b) Tordna li li l-oggetti maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 55/2021 jiġu rilaxxati għal favur tal-Kumpannija rikorrenti.*
*(c) Tagħti kull provvedimenti neċessarju u opportun skont il-Liġi;*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni"*

4. Il-Kummissarju tat-Taxxi flimkien mad-Direttur Ġenerali appellant wieġbu billi eċċepew s-segwenti: (a) il-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx il-leġittimu kuntradittur *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12; (b) it-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex kienu insostenibbli *ai termini* tal-provvedimenti tal-Kap. 37 u tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ċ) l-allegazzjoni tas-soċjetà appellata li t-tikketti jew il-bolol provduti sabiex jitwaħħlu fuq il-fliexken tax-xorb alkoħoliku kienu difettużi għal xi żmien, kienet waħda gratwita u konvenjenti, u fi kwalunkwe każ għandha tiġi ppruvata; (d) id-Direttur Ġenerali appellant kien ottempora ruħu mal-liġi u l-qbid kien wieħed ġustifikat; (e) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkonsidrat;*

*Illi mill-fatti kif esposti quddiem il-Qorti jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti tiġġestixxi negozju li jikkonsisti, fost l-oħrajn, fl-impurtar u l-bejgħ jew distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku. Fost id-diversi stabbilitmenti tagħha, is-soċjetà rikorrenti tiġġestixxi l-ħanut bl-isem ta' "Charles Grech World of Wines" ġewwa Ta' Xbiex. Fis-6 ta' Ottubru 2020, saret spezzjoni f'dan il-ħanut mill-Uffiċjali tad-Dwana fejn hemmhekk sabu 11-il flixkun tal-inbid li ma kellhomx imwaħħla magħhom il-faxxa jew bolla li tindika li tħallset is-sisa relattiva. L-Uffiċjali tad-Dwana għaddew sabiex fis-26 ta' Frar 2021 u ħarġu n-Nota ta' Qbid relattiva għal din l-ispezzjoni. (fn. 1 Nota ta' Qbid Nru 55/2021, datata 26 ta' Frar 2021, mmarkata bħala dok "CG1" a fol. 5 tal-atti proċesswali.) Illi fil-frattemp, minn komunikazzjoni li saret bejn il-kontendenti, irriżulta li d-dazju u sisa fuq dawn l-istess fliexken ġiet imħallsa.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti qed tipprotesta għal din in-Nota ta' Qbid abbażi tas-segwenti argumenti (i) il-ħanut għandu mijiet ta' fliexken tal-inbid u kienu biss 11-il fliexkun li ma kellhomx tikketta; (ii) dawn huma fliexken tal-inbid b'valur sostanzjali u ma tagħmilx sens li filwaqt li titħallas id-dazju u s-sisa fuq il-fliexken ta' valur ferm inqas, ma jitħallsux fuq dawn il-fliexken; (iii) illi ma kien hemm ebda evażjoni ta' dazju jew sisa għaliex ġie pprovat li dawn tħallsu u (iv) huwa risaput li għal żmien xi faxex li kienu difettużi li kienu jaqgħu maż-żmien. Kif imsemmi, dawn il-fliexken tal-inbid ma jinbiegħux malajr u b'hekk il-faxex kienu twaħħlu iżda sussegwentement waqgħu waħedhom.*

*Illi Emerson Calleja, (fn. 2 Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Jannar 2022, a fol. 37 tal-atti proċesswali.) rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Dwana), xehed illi għalkemm kien hemm xi bands li kienu difettużi, dawn ma kienux tal-inbid imma kienu tal-*high spirits *u ħadu ħsiebhom ukoll.*

*Illi Matthew Sammut, (fn. 3 Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Jannar 2022, a fol. 40 tal-atti proċesswali.) rappreżentant tas-soċjetà Charles Grech & Co. Limited xehed illi fil-ħanut ta' "Charles Grech World of Wines" hemm fuq is-seba mitt, anzi fuq l-elf flixkun tal-inbid espost għall-bejgħ. Qal li hu kien preżenti dakinhar li saret l-ispezzjoni u li damet ħafna peress li qagħdu jiċċekkjaw flixkun flixkun. Qal li minn din l-ispezzjoni sabu madwar għaxart ifliexken li ma kellhomx tikketta. Spjega li fuq kull xkaffa jkollhom bejn sitta sa tnax-il flixkun mill-istess tip. Qal li l-fliexken li sabu mingħajr tikketta kienu varjati u li kien hemm fliexken tal-istess tip ta' nbid li kellhom it-tikketti. Qal li hu responsabbli li jaċċerta ruħu li meta flixkun jitpoġġa fuq l-ixkaffa, jkollu l-faxxa mwaħħla. Qal li kellhom problema kbira bil-faxex li kienu qed jinqalgħu. Spjega li l-faxex jiġu mwaħħlin fuq il-fliexken fil-*warehouse *tagħhom u minn hemm jgħaddu minn diversi idejn sakemm jitpoġġew fuq l-ixkafef għall-bejgħ. Spjega li anke waqt li jkunu esposti għall-bejgħ, dawn jintmesħu mill-*cleaners *u kellhom diversi każi fejn il-*

*faxex jinqalgħu minn mal-fliexken. Qal li anke meta jipprovaw jerġgħu iwaħħlu l-faxex mal-fliexken dan ma jkunx possibbli peress li dawn ikunu bħal kolla. In kontro-eżami xehed illi bħala stat ta' fatt, il-fliexken in kwistjoni ma kellhomx* tag *tas-sisa mwaħħla. Qal li l-problema b'dawn il-faxex kienet ilha ħafna u peress li dawn il-fliexken ilhom fuq l-ixkaffa, jista' jkun li affettwathom ukoll. Qal li hu ċert li qabel ma tpoġġew fuq l-ixkafef dawn il-fliexken kellhom il-faxxa mwaħħla.*
*Illi Richard Briscoe, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Dwana) xehed illi hu kien għamel l-ispezzjoni mertu tal-każ u li fil-ħanut de quo hemm numru kbir, mijiet jekk mhux eluf, ta' fliexken tal-inbid.*

*Xehed li minn dawn il-fliexken kollha sabu seba' fliexken li ma kellhomx il-faxxa, liema fliexken kienu f'varji postijiet fil-ħanut. Waqt l-ispezzjoni qaluli li xi faxex setgħu inqalgħu. Hu xehed li jaf li kien hemm problema bil-faxex dak iż-żmien però ma kienx daqshekk faċli li l-faxxa tinqala'. Qal ukoll, madanakollu, li xogħolu m'huwiex fis-sezzjoni tal-*excise *u b'hekk m'huwiex konsapevoli tal-problemi li seta' kellhom dawn il-faxex. Hu kkonferma li l-fliexken li qabdu kienu esposti għall-bejgħ.*

*Illi Richard Briscoe reġa' xehed bil-mezz tal-affidavit (fn. 4 Ara Dok "RB" a fol. 51 tal-atti proċesswali.) fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' Spettur tad-Dwana mad-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta u kkoreġa x-xhieda tiegħu fejn ikkjarifika li nqabdu 11-il fliexkun minn din l-ispezzjoni, u mhux 7 kif xehed viva voce.*

*Ikkonsidra;*

*Illi l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi hi li m'huwiex leġittimu kontradittur għal dawn il-proċeduri in vista tad-delega mogħtija minnu lid-Direttur Ġenerali (Dwana) ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap 517 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' Avviż tal-Gvern Numru 766, tal-20 ta' Lulju, 2012, fejn hu ddelega* "il-poteri u l-funzjonijiet tiegħu, "inkluż r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern mogħtija lilu mis-subartikolu (5) tal-artiklu (3) tal-imsemmi Att" għal dak li għandu x'jaqsam mad-"drittijiet taħt l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament magħmul taħthom."

*Illi kif ġie ritenut fils-sentenza* ***Grace Borg vs Edward Basile et*** *(fn. 5* ***Grace Borg vs Edward Basile et****, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 8 ta' Ottubru 2019, (Rik Ġur Nru 989/2018GM),*

> "Illi din it-tip ta' eċċezzjoni tista' tinftihem b'modi differenti. Tista' tirreferi għall-kwalità ġuridika tal-konvenut, fis-sens li dan ikun qiegħed jilqa' għat-talba attriċi billi jsostni li huwa estranju għan-negozju ġuridiku pretiż li jkun sar mill-

attur billi, per eżempju, huwa ma jkunx ikkuntratta f'ismu personali imma f'isem soċjetà kummerċjali.

F'kawżi kontra l-amministrazzjoni statali, tipikament kap ta' dipartiment li jiġi mħarrek isostni li ma kellux jiġi mħarrek hu imma l-kap ta' xi dipartiment ieħor inkella l-Avukat Generali.

F'dan is-sens l-eċċezzjoni tittratta l-kwalità tas-suġġett ossia tal-parti – ċjoé tal-konvenut";

*Illi mill-fatti kif esposti jirriżulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi m'għandux il-kwalità suġġettiva sabiex joqgħod ta' konvenut f'din il-kawża. Filfatt, il-poteri konċessi lilu mill-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni u l-Att dwar Dazju tas-Sisa, inkluża l-amministrazzjoni tagħhom u r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern mogħtija lilu bis-saħħa tal-Artiklolu 3(5) tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew delegati* en toto *lid-Direttur Ġenerali (Dwana).*

*B'hekk, ġaladarba r-rappreżentanza tal-Gvern taħt dawn l-imsemmija liġiijiet hi vestita fid-Direttur Ġenerali (Dwana) u mhux fil-Kummissajru tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi għandu raġun jeċċepixxi illi m'huwiex il-leġittirmu kontradittur.*

*Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni preliminari ser tiġi milqugħa.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi r-regolament 11 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) jistipola, inter alia, li ħadd ma jista' jbiegħ jew joffri għall-bejgħ xi inbid f'kontenituri kemm-il darba dawn ma tkunx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla skont kif approvata mill-Kummissajru għat-Taxxi, kif speċifikat fir-regolament 12 tal-istess Skeda. Di più, ir-regolament 13 tal-istess Skeda jistipola li kull kwantità ta' inbid li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tar-regolamenti 11 u 12 għandha tiġi kkonfiskata favur il-Gvern, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra. Illi wkoll, ir-regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) huma identiċi għal dawk appena msemmija iżda jirrigwardjaw l-*ethyl alcohol *minflok l-inbid.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta indiskuss illi meta saret l-ispezzjoni, l-Uffiċjali tad-Dwana sabu 11-il flixkun tal-inbid li ma kienux konformi ma' dawn ir-regolamenti appena msemmija. Filfatt, jirriżulta illi dawn il-fliexken ma kellhomx il-faxxa mwaħħla fuqhom u filfatt ġew maqbuda mill-Uffiċjali tad-Dwana. Jirriżulta wkoll indiskuss bejn*

*il-partijiet illi d-dażju dovut fuq dawn il-fliexken tal-inbid tħallas kollu u ma kien hemm ebda evażjoni ta' dazju tas-sisa.*

*Illi b'hekk, il-kwistjoni legali miġjuba quddiem din il-Qorti hija* sic et simpliciter *jekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) kellux jaqbad il-ħdax-il flixkun li ma kellhomx imwaħħla fuqhom il-faxex kif meħtieġ mir-regolamenti meta saret l-ispezzjoni mill-Uffiċjali tad-Dwana.*

*Illi kif ġie ritenut fis-sentenza Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana (fn. 6* ***Priscilla et v. Kontrollur tad-Dwana****, Qorti tal-Appell, 29 ta' Jannar 2010):*

> "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu "lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruga mill-intimat … iżda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat."

*Ikkonsidrat;*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-ħanut mertu ta' din il-kawża għandu għall-bejgħ numru konsiderevoli ta' fliexken tal-inbid. Is-soċjetà rikorrenti targumenta li huwa inverosimili li hija ma waħlitx il-faxex fuq dawn il-fliexken meta l-maġġoranza assoluta ta' fliexken oħra kollha kellhom il-faxex imwaħħla. Tgħid, anzi, li dawn il-fliexken kellhom il-faxex imwaħħlin fuqhom iżda peress li l-faxex mogħtija lilhom kienu difettużi, dawn waqgħu waqt li kienu* on display *fil-ħanut.*

*Illi l-provi prodotti rigward dawn il-faxex huma xi ftit neboluzi. Ir-rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Dwana) Emerson Calleja jgħid li għalkemm kien hemm din il-problema bil-faxex, din kienet tolqot biss il-*high spirits *filwaqt li r-rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Dwana) Richard Briscoe jgħid li għalkemm kien hemm problema bil-faxex dak iż-żmien, dawn ridt tilgħab magħhom jew tiftaħ it-tapp biex jinqalgħu. Da parti tiegħu, ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Matthew Sammut jgħid li din kienet problema akuta għaliex kemm-il darba kienu jsibu faxex li jkunu waqgħu mill-fliexken. Illi s-soċjetà rikorrenti targumenta wkoll li dawn il-fliexken tal-inbid ma jinbiegħux frekwentement u b'hekk jista' jkun li għalkemm il-problema tal-faxex sussegwentement issolviet, dawn il-fliexken baqgħu bil-faxex difettużi fuqhom.*

*Illi kif ġie ritenut mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza* ***Michael Mangion et vs il-Kontrollur tad-Dwana*** *(fn. 7* ***Michael Mangion et vs il-Kontrollur tad-Dwana****, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 12 ta' Marzu 2013 (Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza datata 18 ta' Lulju 2017) il-Qorti m'għandhiex tapplika l-liġi b'mod robotiku sabiex*

*tara jekk kienx hemm ksur tar-regolamenti iżda għandha tikkonsidra l-intenzjoni tal-importatur meħuda fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż il-komportament tiegħu.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti hija importatur u distributur ta' ċerta portata fis-suq Malti u l-ħwienet tagħha huma miftuħa għall-pubbliku ġenerali. Illi għalkemm mhux impossibbli, huwa inverosimili li soċjetà ta' din il-portata tirriskja tqiegħed għall-bejgħ prodotti li* ab initio *ma jkunux konformi mal-liġi bir-riperkussjonijiet kollha legali u reputazzjonali li jista' jkollhom fuqha.*

*Illi skont ix-xhieda ġuramentata ta' Matthew Sammut, kull flixkun li jitpoġġa għall-bejgħ mis-soċjetà rikorrenti, inkluż dawk mertu ta' din il-kawża, ikollhom fuqhom imwaħħla il-faxxa kif rikjesta mil-liġi saħansitra mill-*warehouses *tagħhom, qabel ma jaslu fil-ħanut. B'hekk, bis-saħħa ta' din ix-xhieda il-Qorti hija sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti ottemporat ruħha mad-disposizzjoniiet tar-regolamenti 11(5) tat-Taqsima B u tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Illi ġara però li l-faxxex imwaħħla mis-soċjetà rikorrenti waqgħu minn mal-fliexken* de quo *u dan, essenzjalment, minħabba difett fil-faxex. Illi hawnhekk, il-Qorti tinnota li importatur m'għandux għażla oħra minn fejn jixtri l-faxex għajr għall-fornitur indikat mid-Direttur Ġenerali (Dwana) u jekk dan jisupplixxi faxex difettużi, kif ġara f'dan il-każ, l-importatur ikollu joqgħod bihom bir-riskju li l-istess Direttur Ġenerali (Dwana) jieħu passi kontra l-istess importatur jekk isib xi nuqqas rigward il-faxex difettużi. Illi fil-każ* de quo*, minkejja li d-Direttur Ġenerali (Dwana) kien konxju tal-fatt li xi faxex kienu difettużi, ma ħareġ ebda sostituzzjoni għalihom u b'hekk is-soċjetà rikorrenti baqgħet bihom.*

*Illi l-Qorti ma tarax li n-nuqqas da parti tad-Direttur Ġenerali (Dwana) għandu jissarraf fil-konfiska tal-ħdax-il flixkun mertu tal-kawża meta rriżulta li, wara kollox, ma kien hemm ebda evażjoni tal-erarju pubbliku. Illi għandu raġun id-Direttur Ġenerali (Dwana) jargumenta li t-twaħħil tal-faxex fuq il-kontenturi u l-evażjoni fiskali huma żewġ aspetti differenti tal-liġi, tant li s-soċjetà de quo m'hijiex akkużata li evadiet il-fisku, però min-naħa l-oħra ma tagħmilx sens għal soċjetà bħal dik rikorrenti li tħallas id-dazju tas-sisa dovuta imbagħad ma turix il-faxxa rispettiva."*

## **L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-15 ta' Diċembru, 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"...prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja, u b'riserva għad-dritt tal-esponent li jipprovdi provi oħra, skont il-liġi, tilqa' l-appell tal-esponent, tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-25 ta' Novembru, 2022 fl-ismijiet premessi, b'dana li* ai termini *tal-aggravji fuq riferiti, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent kif jinsabu fir-risposta, in toto, bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

> *"i) **L-ewwel aggravju** jittratta dwar kif l-ewwel Onorabbli Qorti ikkunsidrat il-fatti u l-provi b'mod żbaljat;*
>
> *ii) **It-tieni aggravju** jitratta l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljata tal-liġi; u*
>
> *iii) **It-tielet aggravju** jittratta il-kap tal-ispejjeż tal-kawża;"*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-27 ta' Diċembru, 2022, fejn issottomettiet li s-sentenza appellata jistħoqqilha konferma minn din il-Qorti, u għalhekk talbet li l-appell odjern jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji li qiegħed iressaq id-Direttur Ġenerali appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti, u s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[l-ewwel Qorti kkunsidrat il-fatti u l-provi b'mod żbaljat]*

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tal-mod żbaljat kif l-ewwel Qorti kkunsidrat l-fatti u l-provi. Jissottometti li l-pern tal-kwistjoni huwa

dwar jekk huwa kienx legalment ġustifikat meta kkonfiska l-fliexken in kwistjoni. Filwaqt li jagħraf li din il-Qorti s-soltu ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u jiċċita silta minn sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fejn dik il-Qorti għarfet li *"...il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"*[2], isostni li dan fejn is-sentenza tal-ewwel Qorti saħansitra għandha effett fuq l-operat tad-Dwana u fuq l-obbligu li r-regolamenti tagħha jiġi mħarsa fl-aħjar interess tal-erarju pubbliku, ta' negozjanti li joperaw fil-qasam tax-xorb, u fil-fiduċja tal-konsumatur lokali. Jissottometti li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kkunsidrat b'mod laxk uħud mill-provi u tefgħet fuqu n-nuqqasijiet tas-soċjetà appellata. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li l-ewwel Qorti kkunsidrat li mhux ikkontestat dak li qal ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata Matthew Sammut, meta dan xehed b'mod ġeneriku għall-aħħar li kien hemm żmien meta it-tikketti tas-Sisa li mogħtija lill-appellata kienu jinqalgħu faċilment. B'hekk qalet li d-Dipartiment tad-Dwana ma kellux jippenalizza lis-soċjetà appellata minħabba l-istess tikketti difettużi. Barra minn hekk l-ewwel Qorti jidher li skartat ix-xhieda tal-uffiċjali tad-Dwana Emerson Calleja u Richard Briscoe, fejn l-ewwel xhud kien irrileva li t-tikketti difettużi kienu tal-*high spirits* u mhux tal-inbid, u dan fejn il-fliexken maqbuda kienu proprju tal-inbid. It-tieni xhud Richard Briscoe xehed *a tempo vergine* li l-persuna responsabbli mill-istabbiliment kienet qalet li t-tikketti forsi kienu waqgħu, u ma qalet xejn dwar xi problema li kien hemm bihom. Jgħid li l-istess xhud irrileva li t-tikketti in kwistjoni ma jinqalgħux daqstant faċilment, iżda l-ewwel Qorti aċċettat li t-tikketti kienu waqgħu minn fuq il-fliexken

---

[2] Dott. Antionette Cutajar *vs.* L-Onor. Dr Joseph Muscat, Prim Ministru et, Q.A., 14.12.2018;

minħabba difett, u dan mingħajr prova ta' dak allegat mis-soċjetà appellata kif titlob il-liġi, senjatament l-artikolu 559 tal-Kap. 12. Isostni li ma kienx ġie ppruvat li t-tikketti tas-Sisa in kwistjoni kienu difettużi jew li tassew kienu nqalgħu. Jgħid li s-soċjetà appellata kienet f'qagħda li tressaq xhud lir-rappreżentant tal-OpSec li tforni t-tikketti, iżda dan m'għamlitux, u hawnhekk jiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Myriam Fenech Adami *vs.* Anna Gatt et**.[3] Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li l-ewwel Qorti b'mod daqsxejn kontradittorju stqarret li l-provi dwar it-tikketti huma "xi ftit nebulużi", iżda mbagħad ikkonkludiet li dawn kienu "waqgħu" għaliex kien hemm difett fihom. Jgħid ukoll li ma ġewx sodisfatti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 fejn dan jirrikjedi li meta "*jiġu mitluba lura oġġetti (...) il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba".* Hawnhekk id-Direttur Ġenerali appellant jiċċita dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet **Guido Vella *vs.* Il-Kontrollur tad-Dwana**. Id-Direttur Ġenerali appellant jistaqsi jekk tassew it-tikketti kienu difettużi, kif minn eluf ta' fliexken kien hemm biss ħdax-il tikketta tas-Sisa li waqgħet. Isostni li jekk tiġi aċċettata l-verżjoni tas-soċjetà appellata, kull operatur li jinstab b'fliexken esposti għall-bejgħ mingħajr tikketta kien ser juża din l-iskuża, u jekk id-Dipartiment ikun kostrett li jistrieħ fuq il-kelma tal-operatur, huwa seta' jagħlaq l-operat tiegħu. Għal din ir-raġuni jissottometti li l-qbid doganali huwa wieħed tassattiv. Ikompli jinsisti li bħala operatur ekonomiku fil-qasam partikolari, is-soċjetà appellata għandha d-dover li l-fliexken esposti minnha għall-bejgħ ikollhom it-tikketta tas-Sisa mwaħħla f'kull ħin fuqhom, għaliex l-obbligi tagħha ma kienux biss fir-rigward tal-ħin meta l-

[3] App. Ċiv.1103/07, 26.10.22.

prodott joħroġ mill-maħżen, iżda wkoll meta l-prodott jiġi espost għall-bejgħ. Madankollu jgħid li fil-każ odjern din kienet naqset milli tagħmel proprju dan. Jissottometti li fil-qasam partikolari fejn l-evażjoni fiskali hija realtà li tgħakkes l-erarju pubbliku u anki l-immaġini, l-operaturi huma marbuta permezz ta' regolamenti sabiex jassistu lid-Dipartiment tad-Dwana u jiddentifikaw b'aktar faċilità u speditezza dak ix-xorb li ma jkunx tħallas dazju tas-Sisa fuqu. Ikompli jgħid li t-tikketta tas-Sisa tagħti fiduċja lill-konsumatur li d-dazju tas-Sisa jkun tħallas, u din il-fiduċja kienet essenzjali għall-perċezzjoni tal-operat tajjeb tad-Dipartiment tad-Dwana u għall-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali. Jghid li huwa ma jaqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti dwar il-fatt li s-soċjetà appellata bħala *"importatur u distributur ta' ċerta portata fis-suq Malti"* ma kinitx ser tieħu riskju u tpoġġi għall-bejgħ prodotti li ma kienux konformi mal-liġi. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li l-qbid tal-fliexken isir mhux biss minħabba tentattiv ta' evażjoni ta' dazju, iżda wkoll minħabba nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti fir-rigward ta' espożizzjoni ta' fliexken għall-bejgh. Jirrileva wkoll li fejn hemm tikketta li ma twaħħlitx, dik it-tikketta qiegħda tiġri mas-saqajn u tista' titwaħħal fuq fliexkun fejn id-dazju tas-Sisa ma jkunx ġie kkawtelat, u dan mhux neċessarjament mis-soċjetà appellata, li għalhekk għandha d-dover li timmitiga din il-possibilità fl-interess tal-erarju pubbliku. Jisħaqq fl-aħħarnett li s-soċjetà appellata naqset milli tressaq raġunijiet tajbin biżżejjed u sal-grad mixtieq mil-liġi sabiex turi li huwa ma kienx ġustifikat meta qabad il-fliexken in kwistjoni, u għalhekk il-Qorti għandha tqis id-deċiżjoni tiegħu bħala ġusta.

10. Dwar l-ewwel aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, is-soċjetà appellata tibda billi tissottometti li dan għandu jfalli fid-dawl tal-insenjament ta' din il-Qorti li bħala qorti ta' reviżjoni hija ma tiddisturbax faċilment l-

apprezzament tal-ewwel Qorti. Tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jittenta jagħti dehra oħra fir-rigward tal-fatti riżultanti, u dan sabiex jipprova jiżvija lil din il-Qorti. Jissottometti li hawnhekk si tratta ta' kumpannija b'reputazzjoni ta' 'l fuq minn mitt sena fis-settur partikolari tagħha, u li għandha ċerta portata fejn dejjem ħallset kull taxxa u sisa fuq ix-xorb alkoħoliku kif ammetta l-istess Direttur Ġenerali appellant, fejn il-faxxex/bollol tas-Sisa pprovduti minn terz magħżul minn dan tal-aħħar, kienu difettużi fuq dawk il-fliexken misjuba fost mijiet oħra esposti għall-bejgħ li kellhom il-faxxa mwaħħla. Tikkontendi li l-liġijiet u r-regolamenti doganali m'għandhomx l-iskop li jgħabbu lin-negozjant b'piżijiet kosmetiċi mingħajr skop, iżda huma ntiżi sabiex jipprovdu deterrent għall-evażjoni fiskali jew sabiex jagħmlu ċert li jsir il-ħlas fiskali skont il-liġi, u hawnhekk tiċċita dak li jgħid id-Direttur Ġenerali appellant fil-para. 32 tar-rikors tal-appell tiegħu. Tikkontendi li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda evażjoni fiskali, u għalhekk il-konfiska kienet biss ser tikkostitwixxi applikazzjoni drakonjana u robotika tal-liġi, fejn saħansitra l-faxex li kellhom jitwaħħlu kienu difettużi.

11. Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Wara li korrettement ikkunsidrat dak li jipprovdu għalih ir-Regolamenti 11 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa fir-rigward tal-bejgħ ta' nbid u anki dak li jipprovdu għalih ir-Regolamenti identiċi 11, 12 u 13 tat-Taqsima B tal-istess Skeda fir-rigward tal-bejgħ ta' *ethyl alcohol,* l-ewwel Qorti osservat li rriżulta mhux kontestat li meta saret spezzjoni tal-Uffiċjali tad-Dwana nstabu ħdax-il flixkun tal-inbid li ma kienux iħarsu dawn ir-regolamenti billi ma kellhomx il-faxxa rikjesta mwaħħla fuqhom. Sewwa wkoll osservat hawnhekk l-ewwel Qorti, li madankollu ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt

li d-dażju fuq l-istess fliexken kien tħallas kollu u li ma kien hemm l-ebda evażjoni ta' dazju tas-sisa, u għalhekk il-kwistjoni quddiemha kient tirrigwarda biss jekk id-Direttur Ġenerali appellant setax jaqbad l-imsemmija fliexken.

12. Wara li ċċitat dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Priscilla Cassar et *vs.* Kontrollur tad-Dwana**[4], l-ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat l-argumenti miġjuba mis-soċjetà appellata. Hawnhekk kellha tassew raġun meta iddikjarat li l-provi dwar il-faxex in kwistjoni ma kienux daqstant ċari, għaliex din il-Qorti ssib li dawn mhumiex konklużivi. Imbagħad għaddiet sabiex ikkunsidrat li filwaqt li r-rappreżentanti tad-Direttur Ġenerali appellant kienu qalu li l-problema tal-faxex kienet tolqot biss il-fliexken tal-*high spirits,* u li sabiex jinqalgħu wieħed kellu jilgħab magħhom jew jiftaħ it-tapp, ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata sostna li l-problema tagħhom ma kinitx waħda zgħira fejn kemm-il darba huma jkunu sabu li dawn inqalgħu minn fuq il-fliexken. L-ewwel Qorti rrilevat li s-soċjetà appellata ressqet ukoll l-argument li l-fliexken tal-inbid in kwistjoni ma kienux jinbiegħu ta' spiss, u għalhekk seta' kien il-każ li għalkemm il-problema tal-faxex sussegwentement ġiet riżolta, dawn il-fliexken baqgħu bil-faxex difettużi.

13. L-ewwel Qorti, filwaqt li għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et *vs.* il-Kontrollur tad-Dwana**[5], qalet li dik il-Qorti rriteniet li m'għandhiex tapplika l-liġi b'mod robotiku, iżda għandha tikkunsidra l-intenzjoni tal-importatur fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, anki l-komportament tiegħu. Għalhekk sewwa kkunsidrat li s-soċjetà appellata *"...hija importatur u*

[4] 29.01.10.
[5] P.A., 12.03.13, u kkonfermata mill-Q.A.(Sup.) 18.07.17.

*distributur ta' ċerta portata fis-suq Malti u l-ħwienet tagħha huma miftuħa għall-pubbliku ġenerali".* L-ewwel Qorti għarfet li għalkemm ma kienx impossibbli, iżda kien inverosimili li kumpannija ta' tali portata tissogra tpoġġi għall-bejgħ prodotti mhux konformi mal-liġi, b'riskju tar-riperkussjonijiet legali li dan seta' kellu legalment u anki l-effetti fuq ir-reputazzjoni tagħha.

14. L-ewwel Qorti aċċettat dak li ntqal fix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjetà appellata, Matthew Sammut, fejn dan iddikjara li kull flixkun li jitpoġġa għall-bejgħ, inklużi dawk mertu tal-proċeduri odjerni, kellu fuqu l-faxxa rikjesta mil-liġi matul iż-żmien li jkun qiegħed fl-imħażen tagħha u qabel ma jitpoġġa fil-ħanut, u li rriżulta li l-imsemmija soċjetà appellata kienet ottemporat ruħha mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11(5) tat-Taqsima B u tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa. L-ewwel Qorti rrilevat li l-importatur ma kellu l-ebda għażla minn fejn jixtri l-faxex għajr mingħand il-fornitur indikat mid-Direttur Ġenerali appellant, u għalhekk jekk dawn kienu difettużi, huwa kellu jagħmel użu minnhom b'riskju ta' xi passi min-naħa tal-imsemmi Direttur Ġenerali appellant fl-eventwalità li dan isib xi nuqqas. L-ewwel Qorti għarfet li fil-każ odjern, għalkemm id-Direttur Ġenerali appellant kien jaf bil-faxex difettużi, huwa ma offriex oħrajn minflokhom u għalhekk is-soċjetà appellata baqgħet bihom. Iżda kkontendiet li dan in-nuqqas min-naħa tiegħu ma kellux iwassal għall-konfiska tal-fliexken in kwistjoni, u dan fejn ma kienx irriżulta li kien hemm xi evażjoni tal-erarju pubbliku.

15. Filwaqt li għarfet id-distinzjoni li kien qed jagħmel id-Direttur Ġenerali appellant *ai termini* tal-liġi bejn in-nuqqas ta' twaħħil tal-faxex u l-evażjoni fiskali, l-ewwel Qorti irrilevat li hawnhekk is-soċjetà appellata ma kinitx ġiet

akkużata bl-evażjoni fiskali, u korrettement ikkunsidrat li għalhekk ma kienx loġiku li soċjetà bħal ma hija s-soċjetà appellata tħallas id-dazju tas-sisa, biex imbagħad tonqos milli twaħħal il-faxxa relattiva. B'hekk għaddiet sabiex ġustament laqgħet it-talbiet tas-soċjetà appellata.

16. Din il-Qorti filwaqt li tgħid li qiegħda tagħmel tagħha dawn il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, tgħid ukoll li m'għandha xejn iktar x'iżżid magħhom. Tikkunsidra li għalhekk l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: [l-ewwel Qorti applikat il-liġi ħażina]*

17. It-tieni aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant huwa li l-ewwel Qorti applikat il-liġi ħażina billi kkunsidrat biss is-subregolament 11(5) tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382. Jispjega li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija żewġ Taqsimiet kienu ġew emendati fiż-żmien bejn id-data tal-konfiska u l-ġurnata li fiha ngħatat is-sentenza appellata, fejn ġew miżjuda diversi subartikoli oħra taħt ir-Regolamenti 11 u 12. Jirrileva li l-ewwel Qorti għamlet riferiment għas-subregolament 11(5) suriferit, iżda fil-fehma tiegħu din kienet fil-fatt qiegħda tirreferi għas-subregolament 12(5), ġaladarba s-subregolament 11(5) ma kienx jeżisti fil-mument li sar il-qbid tal-fliexken, u lanqas ma jeżisti llum. Huwa għalhekk jgħaddi sabiex jiċċita s-subregolament 12(5), li jgħid li huwa rifless perfettament fis-subregolament 12(4) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li l-ewwel Qorti ma sabitx li kellha tiddubita mix-xhieda ta' Matthew Sammut li t-tikketti jitwaħħlu dejjem, u dan fuq kull flixkun u mill-ħin li jiddaħħlu fil-maħżen. Id-Direttur Ġenerali

appellant jikkontendi li dan fejn ma tressqet l-ebda prova li kienet turi li fuq il-fliexken maqbuda kienet twaħħlet it-tikketta tas-Sisa, u jgħid li b'hekk l-ewwel Qorti kkunsidrat li ġew sodisfatti d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 12(5) tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, mingħajr ma kkunsidrat dak li jipprovdi għalih is-subregolament 11(1) tat-Taqsima B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382. Id-Direttur Ġenerali appellant jispjega li skont ir-Regolament 13 tat-Taqsimiet rispettivi tal-imsemmija Sitt Skeda tal-Kap. 382, huwa obbligat b'mod tassattiv li jaqbad il-fliexken li ma jkunux iħarsu l-provvedimenti ta' dawn it-Taqsimiet, u ma jistax juri klemenza ma' operatur ekonomiku billi joħloq riskju reali ta' preferenza b'mod li l-*level playing field* ma tibqax l-istess għal kull operatur ekonomiku fil-qasam partikolari. Jgħid li saħansitra dan huwa l-iskop tal-liġi doganali, fejn il-qbid huwa dejjem *in rem.* Jirrileva li hawnhekk il-leġislatur ried joħloq deterrent b'saħħtu biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi jirrispettaw il-liġi, juru diliġenza fl-operat tagħhom, u b'hekk jgħinu lid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jagħraf każijiet ta' evażjoni mad-daqqa t'għajn. B'hekk jgħid ukoll li huma jagħtu kontribut fit-tkabbir tal-fiduċja tal-konsumaturi u tal-perċezzjoni lokali u internazzjonali fir-rigward tal-ġbir ta' erarju pubbliku, filwaqt li tissaħħaħ il-fiduċja u l-kooperazzjoni bejn id-Dipartiment tad-Dwana u l-operaturi ekonomiċi. Id-Direttur Ġenerali jsostni li s-sempliċi qbid ta' flixkun meta dan ma jkollux it-tikketta tas-Sisa mwaħħla m'huwa xejn ħdejn effetti oħra li l-operatur ekonomiku jista' jaffaċċja meta jittenta li jevadi d-dazji tas-Sisa, u hawnhekk jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 13 fit-Taqsimiet rispettivi tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, kif ukoll għal artikolu 16 tal-istess liġi u l-artikolu 62 tal-Kap. 37. Għal dak li qalet l-ewwel Qorti meta għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion *vs.* Il-Kontrollur**

**tad-Dwana**, li *"[i]l-Qorti m'għandiex tapplika l-liġi b'mod robotiku sabiex tara jekk kienx hemm ksur tar-regolamenti"*, jissottometti li l-fatti ta' dak il-każ kienu jirrigwardaw ksur tal-artikolu 61 tal-Kap. 37. Filwaqt li jiċċita wkoll dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 61(2), u jgħid li l-liġi tippermettilu diskrezzjoni, imma jissottometti li madankollu l-artikolu 61 mhux applikabbli għall-każ odjern, u t-Taqsimiet B u F tas-sitt Skeda tal-Kap. 382 ma jippermettux id-diskrezzjoni mħollija mill-artikolu 61. Għalhekk l-insenjament espress mill-Qorti fil-każ suċitat, ma kienx japplika għall-każ odjern. Filwaqt li jammetti li ċertament is-soċjetà appellata ma kinitx qiegħda tittenta tagħmel xi gwadann fiċ-ċirkostanzi, jsostni li minħabba li din kienet naqset milli tħares skrupolożament ir-regolamenti tad-Dwana, u għaliex il-fliexken kienu saħansitra esposti u offruti għall-bejgħ mingħajr tikketta tas-sisa, huwa kien tenut li jipproċedi skont ir-Regolament 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 38, u jiċċita l-massima legali *dura lex, sed lex.*

18. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tibda billi tiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Palm Court Ltd *vs.* Direttur Ġenerali, Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, filwaqt li tikkontendi li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda applikazzjoni żbaljata tal-liġi. Is-soċjetà appellata tgħid li permezz ta' dan it-tieni aggravju tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontesta l-interpretazzjoni tal-fatti li għamlet l-ewwel Qorti, u tissottometti li huwa qiegħed jistieden lil din il-Qorti sabiex tapplika s-sanzjoni tal-konfiska b'mod drakonjan u robotiku, fejn mhux kontestat li ma kienet saret l-ebda evażjoni fiskali li huwa proprju l-għan tal-liġi. Tikkontendi li madankollu l-Qrati għandhom japplikaw il-liġi b'mod ġust u l-istedina tad-

Direttur Ġenerali appellant hija waħda pjuttost iġġib magħha abbuż milli ġustizzja.

19. Il-Qorti, filwaqt li tgħid li taqbel li l-ewwel Qorti kienet qiegħda tirreferi għas-subregolament 12(5) tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 u mhux għas-subregolament 11(5) kif indikat, tirrileva li n-Nota ta' Qbid maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellant fil-konfront tas-soċjetà appellata ma kinitx tindika ksur ukoll tas-subregolament 11(1) tal-istess Taqsima B tas-Sitt Skeda ta' dik l-istess liġi, u għaldaqstant l-ewwel Qorti korrettement ma kkunsidratux.

20. Dwar l-argument tad-Direttur Ġenerali appellant li skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 13 tat-Taqsimiet rispettivi tal-istess Skeda, huwa kien marbut tassattivament sabiex jaqbad il-fliexken li ma kienux iħarsu l-provvedimenti tal-istess Taqsimiet, il-Qorti tirrileva li dan tassew huwa minnu, iżda l-artikolu 28 tal-Kap. 382 jagħti dritt lill-persuna li jkunu ġew ikkonfiskati l-oġġetti tagħha li tippreżenta talba lill-istess Direttur Ġenerali appellant għar-ritorn tagħhom, u hawnhekk il-Qorti ser tiċċita testwalment dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu:

> "28.(1) L-oġġetti maqbuda taħt dan l-Att għandhom jitqiesu kkonfiskati bis-saħħa tal-liġi stess u jista' jsir minnhom skont il-liġi, kemm-il darba l-persuna li mingħandha l-oġġetti jkunu ġew maqbuda, jew sidhom, jew kwalunkwe persuna awtorizzata minnu, fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-nota ta' qbid, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-Kummissarju, fejn hu jitlob lura l-oġġetti hekk maqbuda jew jindika li biħsiebu jitlobhom lura, u fi żmien tletin (30) jum minn dak l-avviż, ma jibdiex il-proċediment meħtieġ quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva permezz ta' rikors kontra l-Kummissarju, li għandu jkollu tletin (30) jum min-notifika biex iwieġeb. Fin-nuqqasta' dan, il-jedd fuq dan l-oġġett għandu jitqies li ġie abbandunat. It-Tribunal għandu jisma' r-rikors b'mod spedit."

21. Jirriżulta li din it-talba kienet saret mis-soċjetà appellanta, iżda fis-17 ta' Marzu, 2021 inħareġ l-avviż mid-Direttur Ġenerali appellant *ai termini* tal-istess subartikolu tal-liġi.

22. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta ukoll meta ddeċidiet favur is-soċjetà appellata, stante li skont is-subartikolu 28(1) suċitat id-Direttur Ġenerali appellant hekk kif ħareġ in-Nota ta' Qbid u saret it-talba appożita min-naħa tas-soċjetà appellata, huwa kellu d-diskrezzjoni assoluta sabiex jiddeċiedi jekk fil-każ partikolari kellhomx jiġu rilaxxati l-oġġetti maqbuda.

23. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ukoll ma jirriżultax ġustifikat, u tiċħdu. Ġaladarba l-Qorti qiegħda ssib li l-appellat m'għandux raġun kemm fil-mertu kif ukoll *ai termini* tal-liġi, ma tarax li għandha tikkunsidra l-aggravju tiegħu dwar kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjeż mill-ewwel Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji tiegħu, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet aggravju tiegħu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tad-Direttur Ġenerali appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**